FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 17 TA' JANNAR 2002

PULIZIJA
SPETTUR MARIO BONNICI
VS
LOUIS CAMILLERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Louis Camilleri ta' 40 sena, iben Saviour u Carmen nee Abela, imwieled Pieta nhar is-6 t'Ottubtu 1958 u resdienti fil-fond Hacienda, Triq Lunzjata, San Gwann u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 651158M talli f'diversi hinijiet differenti bejn nhar it-30 t'April 1999 u it-2 ta' Mejju 1999 gewwa d-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali sitwat fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, l-Furjana waqt li kien qed jigi interrrogat in konnessjoni ma reat kriminali, bil-hsieb li jaghmel hsara lis-Sur Joe Miceli fil-kariga tieghu bhala Ufficjal Pubbliku, akkuza lil-istess Joe Miceli quddiem awtorita kompetenti b'reat, filwaqt li kien jaf li s-Sur Joe Miceli huwa innocenti. Artikolu 101 tal-kap 9.

Talli fl-istess granet, hinijiet, lok u cirkostanzi, iddenunzjat lil Pulizija Esekuttiva, reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar (Artikolu 110(2) tal-kap 9).

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti l-ati kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsdirat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi l-imputat Camilleri kien gie arrestat in konnessjoni mal-bomba li saret mar-residenza ta’ Joe Miceli. Din il-bomba splodiet fit-30 t’April 1999. Camilleri gie arrestat min PC805 Joseph Galea u fil-presenza ta’ PC836 Alexander Taliana, stqarr illi kien kellem lil Miceli fuq zewg vetturi mizmuma mid-Dipartiment tad-Dwana u li f’dan l-iskontru l-imputat indrizza lil Miceli bil-kiem “a Bullet is too good for you” u li kien rrepeta din il-frazi diversi drabi, anki quddiem Spettur Josric Mifsud. Illi meta l-imputat Camilleri gie interrogat min Spettur Domnic Micallef l-ghada Camilleri biddel il-frazi ghal “a bullet is too good for you people” u li ghalhekk ma kenitx intiza ghal Miceli izda ghal ufficjali ta’ Dwana kollha.

Illi f’diversi okkazzjonijiet tul l-investigazzjoni qal li Miceli kien korrott u li trasferixxa hafna nies fid-Dipartiment minhabba li kollha jaghmlu xoghlhom.

Apparti minn dana kollu l-imputat sostna li kellu provi li snin qabel kienu ghaddew minn Malta diversi sustanzi nukleari u ghalkemm Joe Miceli kien infurmat bihom, hallihom ghaddejjin proprju minhabba li huwa korrott.

Mitlub jissostanza dak li qal, l-imputat qal li kien ser jghaddi l-informazzjoni lil xi agenziji barranin ghaliex f’dawn biss kellu fiducja.

L-ufficjal prosekutur xhed illi l-imputat kien konsistenti fuq diversi fatturi. In kontro ezami, gie stabbilit illi l-imputat gie investigat in segwitu ta’ bomba li saret mar-residenza tas-Sur Miceli – li pero wara li

gie interrogat l-imputat, l-pulizija ma kellhomx provi biex jiehdu xi passi kontra xi hadd.

Illi kien fil-kors ta' l-interrogazzjoni li l-imputat stqarr ma l-awtoritajiet illi fl-opinjoni tieghu Miceli kien bniedem korrott u li kellu il-provi biex jissostanza dan (fol 25).

L-ufficjal prosekutur tenna a fol 27 illi apparti dana, l-imputat kien talab lill-pulizija biex jinvestigaw lil Miceli. L-ufficjal prosekutur xhed illi talab lill-imputat ghal provi biex jissostanza dak li qal izda l-imputat irrifjuta ghaliex ma kellux fiducja fil-pulizija Maltija.

Alfred Bajada Bandi (fol 32 et seq) stqarr li huwa Senior Principal d-Dwana fis-sezzjoni tal-Human Resources u xhed dwar il-kariga ta' Miceli bhala Chief Inspector d-Dwana.

Carmel Sammut fol 35 et seq xhed illi huwa kien presenti waqt l-incident li inqala bejn l-imputat u Miceli pero ma sema ebda kliem ta' theddid.

Spettur Domnic Micallef kkorrobora x-xhieda tal-ufficjal prosekutur u cioe l-incident bejn l-imputat u Miceli fejn l-imputat qal il-kliem "a bullet is too good for your people" kif wkoll irrepeta l-opinjoni tieghu li Joe Miceli kien korrott.

Spettur Micallef xhed illi l-imputat kien semma erbgha istanzi fejn Miceli ghalih agixxa b'mod korrott.

Fol 40 u 41 Spettur Micallef xhed illi l-imputat semma hafna Ministri u Kapijiet f'pajjizi esteri – inkluz Gaddafi u qal li l-imputat kien ser jgibilhom il-provi meta dawn jressqu lil Miceli. Mitlub jghid jekk l-imputat kien talabhomx jinvestigaw lil Miceli, Spettur Micallef ma setghax jikkonferma dan.

Illi Alfred Pace, Kontrollur tad-Dwana xehed a fol 52 et seq, dwar il-kariga tas-Sur Miceli fid-Dwana u iddikjara illi jaf lis-Sur Miceli bhala bniedem tal-affari tieghu u li kemm ilu id-Dwana, u cioe erbgha u tletin sena, qatt ma kellu xi forma ta' allegazzjoni dwar l-integrita tas-Sur Miceli.

Is-Sur Miceli a fol 56 xehed illi huwa c-Chief Inspector tad-Dwana u bhala tali imexxi l-investigazzjonijiet tad-Dwana. Xehed wkoll illi bejn id-29 u t-30 t'April 1999 xi hadd kien qieghed bomba mad-dar tar-residenza tieghu. Fortunatament ma wegga' hadd.

Xehed illi huwa kien indika lill-imputat bhala wiehed min-nies suspettati u dana il-ghaliex tul iz-zmien kellu hafna kwistjonijiet mal-imputat fuq karozzi barranin.

Illi f'dawk iz-zminijiet infatti kien hemm karozzi tal-imputat mizmuma mid-Dwana. Miceli xehed illi fil-bidu tan-1999 l-imputat kien ipprova jintimida lis-Sur Miceli u jakkuzah illi qed jaqbad mal-imputat u heddu illi kien ser jmur ghand il-Ministru u affarijiet simili.

Fil-fatt l-imputat kien hareg mill-ufficcju tieghu u waqt li kien fil-bieb tal-istess ufficcju, Miceli semghu jghid il-kliem "a bullet is too good for you" u dana qalha minn taht l-ilsien.

Miceli xehed illi jaf illi Camilleri ghandu "grudge" kontra tieghu minhabba illi xi konsenja sigarretti giet maqbuda barra minn Malta u l-imputat haseb illi Miceli kien ir-raguni il-ghaliex din giet maqbuda. Anzi jghid illi Camilleri haseb illi hu kien ha xi flus biex jghaddi din l-informazzjoni.

Ghar-rigward tal-allegat abbuz fl-ghotja tat-transfers lill-impjegati tad-Dwana, Miceli xehed illi huwa ma kellux awtorita' jaghmel dan ghaliex tali awtorita qeghda f'idejn il-Kontrollur u Kap tad-Dipartiment.

Cahad illi ta xi approvazzjoni biex xi sustanzi nuklejari jghaddu minn Malta u sostna li ma kien jaf xejn dwar dan.

Spettur Josric Mifsud a fol 68 et seq, xehed illi l-imputat kien gie interrogat fil-presenza tieghu flimkien ma Spettur Bonnici u li huwa kien sema b'widnejh l-allegazzjoni tal-imputat illi "a bullet is too good for you people" liema frazi kienet indirizzata lejn is-Sur Miceli tad-Dwana.

L-imputat allega wkoll illi Joe Miceli ma kienx informat b'xi regolamenti jew ristrizzjonijiet taljani u li minhabba fih kien tilef madwar 700,000 dollaru f'sigaretti.

Spettur Mifsud ikkonferma wkoll l-allegazzjoni da parti tal-imputat li s-Sur Miceli kien halla xi materjali nuklejari jghaddu minn Malta.

PS836 Taliana fol 75 et seq, xehed illi huwa kien intbaghat sabiex jarresta lill-imputat u ikkonferma li l-imputat allega li Joe Miceli kien korrott, li qallu go wiccu "a bullet is too good for you" u li meta l-imputat gie mitlub mill-pulizija jikkorrobora dak li kien qed jghid, l-imputat qal illi kien ser jghaddihom lil xi agenziji barranin.

Ikkunsidrat:-

Illi l-imputat huwa akkuzat b'reat ta' kalunnja ai termini tal-Art 101 illi jipprovdi illi:
"Kull minn bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, jakkuza lil dik il-persuna quddiem awtorita kompetenti b'reat, fil-waqt li jkun jaf li dik il-persuna hija innocenti, ghall fatt biss li jkun akkuzaha, jehel………..''

Illi l-element kardinali fir-reat tal-kalunnja huwa il-fattur illi l-imputat ghandu jakkuza lill-persuna quddiem awtorita kompetenti.

Din l-akkuza trid tkun saret, skond il-gurisprudenza kostanti, b'mod volontarju u b'mod spontanju, b'mod illi tkun b'inizzjattiva ta' min ikun

qed jakkuza. Hekk fil-fatt sostna l-Imhallef Dr Montanaro Gauci LL.D. fil-kawza Il-Pulizija vs Nicola Brincat et tal-24 t'Ottubru 1951 Appell Kriminali:-

" Id-delitt tal-kalunnja huwa l-att ta' min, bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, jakkuza lil din il-persuna quddiem awtorita kompetenti b'reat, filwaqt li jkun jaf li dik il-persuna hija innocenti.

Il-kelma "jakkuza" ghandha tiftiehem fis-sens tal-kelma "jiddenunzja"; u hemm din id-denunzja, meta l-informazzjoni falza tigi moghtija lil awtorita mhux biss volontarjament, imma wkoll spontaneament, b'mod li fl-att tad-denunzjant ikun hemm certa inizjattiva.

Ghaldaqstant, jekk l-informazzjoni falza tigi moghtija lill-awtorita' mhux spontaneament, imma ghax kienet l-istess awtorita li staqsiet ghal dik l-informazzjoni, ikun hemm ir-reat tad-diffamazzjoni, imma mhux dak tal-kalunnja."

Inghad wkoll anke fil-konfront tar-reat tal-kalunnja:

"Bosta awturi moderni Taljani li kkommentaw il-ligi Taljana, u bosta gurisprudenza Taljana moderna, irritenew li huwa sufficjenti li l-informazzjoni falza, li biha dak li jkun jakkuza bniedem innocenti ta' reat, tkun giet moghtija lill-awtorita volontarjament, u m'hemmx bzonn tkun spontanea. Dik l-interpretazzjoni hija certament adatta ferm ghat-test tal-ligi Taljana. Izda la din hi differerenti: mil-Ligi taghna, dawk il-kommenti ma nistghux noqoghdu fuqhom, imma ghandna aktar noqoghdu fuq kommentaturi ta' ligijiet bhal taghna. Issa, fil-koncett ta' denunzja jidher li hemm l-idea ta' certa inizzjativa, u ghalhekk tidher aktar plawsibbli t-teorija ta' dawk li jghidu li d-denunzja trid tkun spontanea u mhux provokata mill-awtorita'. Ighid Falzon (ibid. no. 494, pag 180) – "Egli e pero vero che la denuncia debba essere spontanea, perche se un individuo, interrogato da un ufficiale della Polizia Esecuttiva, gli dice falsament di essere sciente del reato di cui egli chiede notizia, quantunque possa essere colpevole d'inguria, pure non puo essere reo di calunnia a senso di questo articolo (autori della Teorica del Codice Penale, Vol. II, Cap LVII, no. 3100)". Anki awturi ohrajn li ttrattaw fuq ir-reat tal-kalunnja b'mod l-aktar xjentifiku sostnew l-istess

teorija li sostna l-awtur taghna Falzon (ara Pessina, Elementi, Vol. III 225; Masucci, Della Calunnia, no. 100; Innamorati; Delitti contro l'Amministrazione della Giustizia. P. 73: Chaveau-Helie, Teorica del Codice Penale Vol. II. No. 3100).

Fil-kaz ta' Pawla Brincat ma jistax jinghad li kien hemm xi inizjattiva fir-rapport, jew ahjar fl-informazzjonijiet li tat lill-Ispettur Coppola, u ma kienx hemm il-vera denunzja; ghax hi marret l-Ghassa ghax **giet imsejjha** u mistoqsija, wara li l-Ispettur qalilha x'kien mar jirraporta misierha, tat l-informazzjonijiet u kkonfermat dak li kien qal missierha, salv certi varjanti fid-dettalji li ma kenux ibiddlu n-natura tar-reat. Certament anki hi kienet intiza mill-falsita ta' l-informazzjoni u ma setghetx kellha intenzjonijiet innocenti, izda dak li ghamlet hi, ghad-differenza ta' dak li ghamel missierha, ma kienx jikkostitwixxi d-delitt ta' kalunnja, izda d-delitt minuri ta' deffamazzjoni, li fih "dolus in re ipsa in est".

Illi mix-xhieda prodotta f'dan il-kaz mill-prosekuzzjoni, jirrizulta b'mod lampanti illi ma kienx l-imputat illi ippromwova is-sensiela ta' cirkostanzi illi jiccirkondaw dan il-kaz. Ma kienx hu illi mar b'mod spontanju u risolut fid-decizjoni tieghu illi jakkuza lil Miceli bid-diversi reati illi jidhru fix-xhieda lill-awtoritajiet kompetenti. Kien ghal kuntrarju migbur mill-Pulizija u interrogat b'reat gravi u serju ta' tqeghid ta' bomba wara d-dar tas-Sur Miceli.u kien f'dawn ic-cirkostanzi illi huwa qal il-kiem li qal fuq Miceli.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma illi l-imputat ma jistax jinstab hati tar-reat ta' kalunnja.

In kwantu ghat-tieni akkuza u cioe ghar-rigward tar-reat kontemplat fl-Art 110 (2) dan jipprovdi:
"Kull minn jiddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx inkella b'qerq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri

Kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, jehel meta jinstab hati …..”

Illi bhal fil-kaz tal-kalunnja ir-reat jinqasam f’simulazzjoni verbali jew diretta u simulazzjoni reali jew indiretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruhha meta wiehed **bil-qerq johloq tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali…….** Is-simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi sempliciment li l-agent ikun iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva **reat li hu jkun jaf li ma sarx.**

Ghalhekk element kostituttiv ta’ dan ir-reat hu il-konsapevolezza tal-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx.

Illi fil-kaz in ezami zgur illi ma jissussitwix ir-reat ta’ simulazzjoni reali stante li ma hemm l-ebda xrara ta’ evidenza prodotta mill-prosekuzzjoni li l-imputat b’mezzi qarrieqa halaq xi tracca ta’ xi reat jew iffabbrika xi evidenza, xi dokumenti, xi prova tangibbli li tista tingieb kontra Joe Miceli.

Illi ghalhekk jibqa biex jigi ezaminat is-simulazzjoni verbali.

F’dan il-kaz ghalhekk jrid jigi pprovat illi l-imputat kien qed jiddenunzja lill-pulizija fatt li ma sehhx. Illi apparti l-fatt illi din il-Qorti temmen illi bhal reat ta’ kalunnja ir-reat ta’ simulazzjoni verbali hu rikjest wkoll l-inizzjattiva propriju tal-agent biex isehh dan ir-reat, din il-Qorti ma giet rinfaccata b’ebda prova da parti tal-prosekuzzjoni li b’xi mod turi illi l-imputat ma kienx jemmen l-opinjoni tieghu dwar il-karattru ta’ Joe Miceli.

Illi l-element kostituttiv kif fuq intqal hu il-konsapevolezza tal-agent (l-imputat) li hu qed jiddenunzja fatt illi ma sehhx. Dan il-fatt kien il-komportament tas-Sur Miceli. Dak illi kellhom jipprovaw il-prosekuzzjoni kien illi l-imputat kien qed jiffabbrika ghajdut fuq il-karattru ta’ Joe Miceli. Dan ma sarx anzi mill-provi kollha jidher illi l-

imputat **verament emmen**, tajjeb u hazin, illi Joe Miceli ma kienx bniedem integru fuq ix-xoghol tieghu. Din kienet l-opinjoni zbaljata tieghu, pero opinjoni tibqa'.

Illi skond is-sentenza Appell Kriminali "Pulizija vs David Mizzi" (deciza fis-16 ta' Frar 1998) dan l-element kostituttiv ta konsapevolezza tal-agent li l-fatt denunzjat ma sehhx huwa kardinali u minghajru ma jista jissussisti ebda reat ta' simulazzjoni verbali.

Il-Qorti Kriminali marret pass aktar, billi qalet illi anki jekk wiehed joqghod fuq dak illi qallu haddiehor minghajr ma jkollu raguni illi jahseb illi dak li qallu haddiehor ma kienx minnu anki dan m jwassalx ghal reat ta' simulazzjoni verbali. (Ara Vol LXXXII part. 4 1998):
"Mill-provi jirrizulta illi meta l-Appellant lill-Pulizija qalilhom illi dak illi qed jirriferilhom qed jirreferihomlhom abbazi ta' dak illi kien qallu it-tifel. Mill-kumpless tal-provi ma jistax jinghad li gie pprovat sal-grad li trid il-ligi li l-appellant kien jaf illi r-reat ma sehhx jew li t-tkissir ma sarx minn Karmenu Farrugia. Il-fatt li meta mar jirraporta l-Ghassa tal-Pulizija kien jew seta' kien animat wkoll minn sens ta' vendikazzjoni u tpattija ma jfissirx necessarjament illi hu kien jaf li qed jiddenunzja reat li ma sehhx."

Illi ghal dawn il-motivi, u fuq l-insenjament tal-Appell Kriminali, din il-Qorti l-anqas ma tista' ssib htija fl-imputat fit-tieni akkuza u ghaldaqstant m'ghandhiex alternattiva ghajr illi tillibera lill-imputat.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.